KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Erbgha u Tmenin (84)*

***It-Tlieta, 31 ta' Lulju, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Hadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**84.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

84.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

84.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 83 li nzammet nhar it-Tlieta, 3 ta' Lulju 2018.

84.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 83 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

84.2.3 **Mozzjoni 84-01**: 1: Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 83.
Proponent: Keith Fenech
Sekondant: Rose Agius.
Il-Minuti tal-Laqgha Numru 83 gew approvati unanimament mill-membri.

**84.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 84/2018 – Lulju 2018***

84.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 84-2018 biċ-ċekkijiet numru 6150 sa 6181 li tammonta €48,827.68

84.3.2 **Mozzjoni 84-02**: Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 84-2018 bl-ammont ta' €48,827.68
Proponent: Keith Fenech
Sekondant: Miriam Schembri
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 84-2018 giet approvata unanimament mill-membri.

## 84.4 Korrispondenza

84.4.1 Tressqet korripondenza minghand l-AKL dwar sistema gdida ta' gbir ta' hwejjeg uzati bieb bieb sabiex jigu riciklati. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa.

84.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar skema ta' restawr ta' postijiet storici. Bhala l-ewwel preferenza il-Kunsill ppropona li napplikaw ghar-restawr tat-Turretta. Is-Sindku qal li se jkellem lil min hu responsabli sabiex jara jekk it-Tureeta hiex eligibli. F'kaz li mhiex, il-Kunsill ghandu jmur ghat-tieni preferenza li hija z-zuntier tal-Knisja ta' Santu Kristu. Filwaqt li t-tielet preferenza ghandha tkun l-iStatwa ta' Santu Rokku. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

84.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar l-iskema tal-libreriji. Il-Kunsill unanimament qabel li jippartecipa f'din l-iskema bhas-snin precedenti u jinxtraw kotba.

84.4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza sabiex issir attivita fi Skolasajf. Il-Kunsill qabel li s-Sindku ghandu jaghmel laqgha mat-tfal fejn jigi spjegat il-funzjonijiet u l-irwoli tal-Kunsilli Lokali.

84.4.5 Tressqet korrispondenza dwar il-Festa Santa Marija dwar talba sabiex ikun hawn clearance tal-karozzi fi Vjal il-Labour. Il-Kunsill qabel li l-clearance tal-karozzi ghandha issir bejn il-Hadd 12 ta' Awwissu sa l-Erbgha 15 ta' Awwissu. Rigward l-eghluq ta' Triq Santa Marija, kien hemm qbil unanimu li Triq Santa Marija ghandha tkun miftuha mit-Tnejn 13 ta' Awwissu sal-Erbgha 15 t'Awwissu bejn it-8am u l-10am biss. Il-kumplament tal-hinijiet it-triq se tkun maghluqa.

84.4.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li t-tender tal-bandli ser jigi ppublikat fil-jiem li gejjin u staqsiet min jixtieq li jkun fil-Bord tal-Evalwazzjoni. Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jkun maghmul mis-Sindku Darren Abela u s-Segretarju Ezekuttiv Fiona Said, il-Kunsilliera Rose Agius, Keith Fenech u Miriam Schembri, kif ukoll il-Perit tal-Kunsill.

84.4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li giet imnedija l-iskema ta' manutenzjoni tal-blokkijiet tal-gvern. Se jkunu eligibbli 5 blokkijiet minn 7, filwaqt li z-zewg blokkok li mhux eligibbli ghal din l-iskema se jigu inkluzi fi skema ohra tal-liftijiet li se tinhareg fix-xhur li gejjin.

84.4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kellha talba sabiex haddiem li kien jahdem fl-iskema tas-CWSEF jerga jigi jahdem mal-Kunsill wara li l-Kunsill kien ghamel talba sabiex jigi trasferiet minhabba nuqqasijiet f'xoghlu, fejn il-Kunsill kien infurmah dwar dawn in-nuqqasijiet ghal diversi drabi. Is-Sindku Darren Abela qal li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jerga' jimpjega lil dan il-haddiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qieghed ikellem lin-nursery jekk ghandhomx bzonn haddiem.

## 84.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

84.5.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar ir-Restawr tal-iStatwa ta' Santa Marija. Huwa qal li wara li kellu laqgha mal-Perita li qed tiehu hsieb ix-xoghlijiet, din qed titlob li jingiebu kwotazzjonijiet mill-Kunsill sabiex jigi rrangat id-dawl ta' madwar l-istatwa kif ukoll il-hadid. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingiebu l-kwotazzjoni u jitressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

84.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar tal-Linja li mill-Gudja qed tkun mimlija bejn is-6am u d-9am. Is-Sindku Darren Abela qal li se jaghmel laqgha ma rapprezentant sabiex jigu diskussi dawn l-ilmenti imsemmija u ohrajn.

84.5.3 Is-SindkU Darren Abela tkellem dwar Mizura 4.3 fejn qal li se jkun qieghed ikellem lis-sidien tal-ghelieqi sabiex min irid jaghmel bir, javvicina l-Kunsill qabel jibdew ix-xoghlijiet.

84.5.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema tal-iSkart li qed jinhareg mill-kazini fil-Pjazza. Is-Sindku Darren Abela ppropona li kull kazin jew stabiliment tax-xorb ghandu johrog zewg tankijiet tal-plastic quddiem l-istabbiliment tieghu li fih jintefghu il-boroz is-suwed biex wara jigu migbura mill-kuntrattur tal-iskart l-ghada filghodu. Dwar dan il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lil kull kazin jew stabbiliment.

84.5.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar Applikazzjoni sabiex isir parapet fi Triq il-Bwar. Is-Sindku qal li jekk isir dan il-parapett, it-triq ser tinghalaq. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbaghat korripondenza lit-TM fejn issir it-talba sabiex tinfetah u titwessa' it-triq.

84.5.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-bzonn li jsir zbir ta' sigar fuq Santu Rokku u fil-Housing Estate u se jkun qieghed iqabbad kuntrattur sabiex isir iz-zbir.

84.5.7 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir attivita fuq Santu Rokku. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li ssir l-attivita', jithallas il-permess tal-attivita' filwaqt li tintalab is-somma ta' Eur70 sabiex tkopri l-ispejjez tat-tindif tal-lettrini, gbir ta' skart u dawl.

## 84.6 Mozzjonijiet

Annessi

## 84.7 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri

84.7.1 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar il-kwotazzjonijiet tal-pitch. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dawn jinsabu online flimkien mat-tender tar-Road Maintenance.

84.7.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsa dwar il-wires tad-dawl li hemm imdendlin fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv li dawk gew irrapurtati lill-Enemalta, filwaqt li infurmat li wara laqgha li nzammet mat-TM li ghaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, gejna nfurmati li it-toroq li se jkunu qed jinbdew mal-batch li se jsir mill-Gvern se jkunu Triq Santa Marija, Triq il-Gudja, u Triq il-Belt Valletta. Dawn se jsiru bil-bankini b'kollox u ghaldaqtant il-wires tal-Enemalta ikunu jistghu jigu mghoddija minn taht il-bankini.

## 84.7 Tmiem tal-laqgha u data ts-seduta li jmiss

84.7.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 7 ta' Awwissu, 2018 fl-5pm sabiex jigu approvati ir-Rapporti Finanzjarji filwaqt li l-Laqgha ta' wara se ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Awwissu 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

_______________________

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

_______________________

ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 84**

**Mozzjoni Ref:** 84-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 83

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Keith Fenech | Rose Agius |

---

**Data:** 31 ta' Lulju 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 84**

**Mozzjoni Ref:** 84-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-lista ta' Pagamenti Skeda Nru. 84/2018

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Keith Fenech | Miriam Schembri |

**Data:** 31 ta' Lulju 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**